**242. L-Onor. Joseph Sammut jipproponi:**

Din il-Kamra:

TAGĦRAF illi wħud mill-għanijiet prinċipali tar-riforma tat-Trasport Pubbliku li kienet ilha promossa għal bosta xhur mill-Ministeru responsabbli kienu:

a. illi jitnaqqas konsiderevolment in-numru ta' vetturi li jaħdmu fuq il-linja u li s-servizz jibda jiġi provdut minn vetturi aktar moderni u aktar komdi;

b. li servizz ikun ta' kwalità tant tajba li tagħti lok għal tnaqqis drastiku tal-użu ta' vetturi privati mill-pubbliku in ġenerali;

ċ. illi konsegwenza tal-istess tnaqqis jinkiseb impatt qawwi fuq l-emmissjonijiet ta' $CO_2$ fl-arja b'riżultat pożittiv fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem;

TFAKKAR illi din ir-riforma ġiet fis-seħħ nhar it-3 ta' Lulju 2011, seba' xhur wara d-data msemmija oriġinarjament u fl-eqqel tal-istaġun turistiku;

TQIS li l-punti pożittivi tar-riforma kienu jikkonsistu kważi unikament minn servizz b'aktar kortesija u vetturi mgħammra b'arja kundizzjonata;

TINNOTA li iżda lil hemm minn dawn il-ftit punti, ir-riforma hija kaotika u ddiżappuntat lillkonsumaturi li sabu ma' wiċċhom:

a. prezzijiet ogħla;

b. rottot itwal u aktar kumplikati;

ċ. ħinijiet itwal ta' stennija;

d. tnaqqis u tneħħija ta' rotot diretti minn bliet u rħula ewlenin għall-Isptar Mater Dei;

e. sistema ta' tariffi li qed tqajjem problemi u li għadha qed tiffaċċja akkużi li hija diskriminatorja fuq bażi Ewropea;

f. taxxa ġdida tal-*park and ride* li kien ġie mniedi b'xejn u intqal li kien sussidjat mis-sistema tas-CVA;

TAGĦRAF li ma jirriżultax li b'xi mod qed jonqsu l-karozzi mit-toroq;

TINNOTA illi bosta minn dawn in-nuqqasijiet huma riżultat dirett tad-deċiżjonijiet tal-Ministru, tal-appuntati politiċi tal-Ministeru u tat-tmexxija ta' Transport Malta;

TIFHEM li konsegwenza ta' dawn id-deċiżjonijiet ħżiena minn appuntati politiċi, se jkollhom jittieħdu aktar miżuri bi spejjeż addizzjonali għat-*taxpayers*;

TINNOTA li fit-tfassil tas-sistema li ma tatx il-frott mixtieq, intużaw konsulenti, fosthom persuni magħrufa għall-involviment politiku tagħhom mal-Gvern, liema konsulenzi swew madwar €400,000;

TINNOTA li saħansitra korpi kostitwiti ilmentaw mhux biss dwar is-servizz offrut lir-residenti iżda wkoll lit-turisti;

TISĦAQ li l-problema ta' Triq Bisazza kixfet in-nuqqas ta' ppjanar bejn Ministeri differenti u li se tiswa spiża addizzjonali lit-*taxpayers* flimkien ma' numru sostanzjali ta' postijiet tal-*parking* lir-residenti u l-komunità kummerċjali Sliemiża;

TINNOTA li lanqas it-tined imwegħda għal venda tal-Belt ma għadhom ġew installati, u filpost għad hemm tined temporanji;

TINNOTA n-nuqqas sistematiku ta' *bus shelters* li se jagħmel il-ħajja ta' dawk li jużaw ittrasport pubbliku aktar diffiċli fix-xhur li ġejjin għax ikunu esposti għal kollox għall-elementi naturali;

TOSSERVA li l-Oppożizzjoni tat żmien ampju lill-Gvern sabiex jieħu l-passi kollha neċessarji u opportuni biex jikkoreġi s-sitwazzjoni;

TAGĦRAF li l-Gvern qal li l-problemi kollha se jkunu indirizzati sal-11 ta' Settembru 2011;

TQIS li anki issa li għaddiet din id-data, il-problemi ma ġewx solvuti;

TAGĦRAF li jeżisti kunsens nazzjonali li r-riforma mhux qed taħdem u qed tirriżulta f'aktar dewmien;

TINSISTI li ħafna residenti kemm bliet u rħula ċentrali, kif ukoll dawk periferali, għadhom diżillużi mis-servizz mogħti u anki numru ta' Kunsilli Lokali wasslu dawn il-punti b'mod ċar fi stqarrijiet pubbliċi.

Għaldaqstant, din il-Kamra:

TIKKUNDANNA n-nuqqas ta' ppjanar tal-Gvern f'din ir-riforma li wassal għal kaos;

TESIĠI li jiġu ppubblikati l-kuntratti kollha relevanti, inklużi dawk ta' konsulenza, li wasslu għal din ir-riforma;

TITLOB għar-riżenja tal-Ministru responsabbli, tal-appuntati politiċi u t-tmexxija ta' Transport Malta responsabbli minn dan id-diżastru fl-ippjanar.

27.09.11